# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**

**Numru 1**

**Rikors numru 34/11 JVC**

**Francis Sciberras**

**v.**

**Stephan Spiteri**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, tad-19 ta' Mejju 2015 li biha ċaħdet it-talbiet kollha tiegħu peress li sabet illi huwa unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fid-dsatax ta' Ottubru 2009 bejn il-mutur tiegħu u t-trakk tal-konvenut.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: fid-19 ta' Ottubru 2009, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar, il-partijiet kienu nvoluti f'inċident tat-traffiku fi Triq il-Ħamrija, Xewkija, Għawdex. L-attur

kien qed isuq mutur tat-tip Yamaha bin-numru tar-reġistrazzjoni FAZ 896 u l-konvenut – li kien akkompanjat mis-sur Christopher Mintoff - kien qed isuq trakk tat-tip Isuzu bin-numru tar-reġistrazzjoni IBH 354.

3. Ġara li l-attur kien ħiereġ minn Triq il-Qronfol, Xewkija, fejn joqgħod, u kien qed jaqsam it-triq prinċipali – Triq il-Ħamrija, Xewkija – meta ntlaqat mit-trakk tal-konvenut li kien ħiereġ minn triq sekondarja fi Triq il-Ħamrija stess biex jidħol fit-triq prinċipali li hija magħrufa wkoll bl-istess isem ta' Triq il-Ħamrija.

4. Fuq il-lemin tat-triq minn fejn ħareġ l-attur (Triq il-Qronfol) hemm it-triq sekondarja li minnħa ħareġ it-trakk misjqu mill-konvenut. Fl-art tat-triq minn fejn ħareġ it-trakk hemm stampat il-kliem 'STOP' u żewġ sinjali kull wieħed bil-kelma 'STOP'. Imbagħad ftit iktar 'il quddiem hemm linja kontinwa bajda fit-tarf tat-triq sekondarja. It-trakk ħalla brake marks kważi minn dik il-linja 'quddiem sa fejn seħħ l-impatt (ara ritratti Dok. MX4).

5. L-attur sofra ġrieħi ta' natura gravi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident billi tilef il-kilwa tal-lemin minbarra ħsara li ġarrab fil-mutur.

6. Peress li deherlu li l-konvenut huwa unikament responsabbli għad-danni kollha subiti minnu bħala konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attur fetaħ il-proċeduri odjerni sabiex jitlob lill-qorti:

> »1. Tiddikjara li l-inċident oġġett ta' dan ir-rikors ġuramentat ġara unikament ħtija tal-konvenut minħabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

»2. tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur kemm għal dawk il-ġrieħi ta' natura permanenti li soffra u li ħallewlu debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' partijiet minn ġismu, u għall-ispejjeż kollha tat-tiswija tal-ħsara li ġarrab il-mutur tiegħu f'dan l-inċident, kif ukoll spejjeż oħra għal kura medika li r-rikorrenti nkorra ruħhu fihom konsegwenza tal-korriment u l-ġrieħi li ġarrab;

»3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur d-danni kollha hekk likwidati.

»Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Frar 2010, u dik ippreżentata kontestwalment ma' din il-kawża kontra d-ditta assikuratriċi, u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek.«

7. Il-konvenut ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet:

»1. Illi l-konvenut bl-ebda mod u manjiera mhu responsabbli għall-inċident in kwistjoni liema inċident ġara minħabba traskuraġni grassa, imprudenza, u non-osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku tal-istess rikorrenti, kif jiġi pruvat dettaljatament waqt is-smiegħ ta' dina l-kawża;

»2. Illi m'huwa minnhu xejn li l-attur li kien qiegħed isuq m/cycle tat-tip Yamaha DT (numru ta' reġistrazzjoni: FAZ 896) kien wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfol, Xewkija. Li kieku l-attur kien vera hekk wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfol kieku l-inċident qatt ma kien javvera ruħhu. Li ġara kien li l-istess attur ħareġ minn ġo triq sekondarja għal ġol-karreġjata tat-triq prinċipali mingħajr ma esplora tajjeb it-triq, ħareġ rassenti minn taħt il-kantuniera tal-istess triq u ipproċeda għal distanza konsiderevoli fuq ir-wrong side tat-triq bil-konsegwenza li daħal fit-truck (JBH 354) misjuq mill-konvenut.

»3. Illi l-istop sign ma jinkwadra ruħhu bl-ebda mod f'dan l-inċident u s-sinjal abjar qiegħed hemm biex jidderiġi t-traffiku li jkun irid jaqsam il-karreġjata għal fuq in-naħha l-oħra tat-triq. Fil-każ tal-konvenut huwa ma kienx se jaqsam għan-naħha l-oħra tat-triq imma kien se jipproċedi għad-dritt lejn id-direzzjoni taċ-ċentru tar-raħal tax-Xewkija meta sab l-m/cycle misjuq mill-attur ħiereġ minn kantuniera u fuq in-naħa żbaljata tat-triq sejjer lejn id-direzzjoni tar-Rabat;

»4. Illi għalhekk l-attur huwa unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni.

»Salvi risposti oħra fid-dritt u fil-fatt.«

8. L-ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

»Għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiddikjara li r-responsabbilta' tal-inċident li seħħ fid-dsatax (19) ta' Ottubru, 2009 bejn il-mutur Yamaha FAZ 896 u t-trakk Isuzu bin-numru JBH 354

tinkombi unikament fuq l-attur Francis Sciberras u għalhekk filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

»Bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.«

9. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat:

»Illi mil-lat ta' ġurisprudenza f'każijiet simili fejn il-verżjonijiet ta' kif seħħ l-inċident ikunu konfliġġenti jingħad illi:

»'... jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika ta' l-inċident b'kull element ta' prova a disposizzjoni tagħha. Dan biex minn tali rikostruzzjoni tkun tista' tasal biex tidentifika r-responsabilitajiet reċiproċi tas-sewwieqa nvoluti fl-inċident relatati ma' l-osservanza jew non-osservanza da parti tagħhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu obbligati li josservaw fiċ-ċirkostanzi li fihom seħħ is-sinistru. Fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti l-provi ċirkostanzjali, materjali u fattwali li jagħtu piż korroborattiv lill-verżjoni u mhux lill-oħra u li allura jirrendu verżjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-oħra.

»Illi mill-assjem tal-provi, anki in vista li l-verżjonijiet tal-istess attur ivarjaw sew minn waħda għall-oħra u anki jikkontradixxu waħda lill-oħra filwaqt li dawk tal-konvenut baqgħu dejjem konsistenti, kif ukoll mill-provi l-oħra kollha mressqa fosthom ix-xhud okulari, ritratti tal-inċident, diversi pjanti u mill-aċċess li għamlet din l-istess Qorti fit-triq fejn seħħ l-inċident, il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-konvenut hija l-aktar waħda kredibbli u attendibbli fiċ-ċirkustanzi.

»Illi l-Qorti għamlet referenza għar-ritratt a fol. 178 tal-proċess fjen saru l-marki msemmija mill-attur fil-kontro-eżami u ssostni li dawn evidentement juru li kemm fejn l-attur jgħid li huwa waqaf bil-mutur għall-ewwel fejn hemm il-marka A kif ukoll aktar 'il isfel fejn hemm il-marka bl-X fejn skont l-attur seħħ l-inċident dawn il-marki jinsabu t-tnejn fuq in-naħa l-ħażina ta' Triq il-Qronfol minn fejn ħareġ l-attur u li hu stess ikkonferma li hija 'two-way.' Effettivament fil-mument tal-impatt jirriżulta li l-attur kien ġia qiegħed fit-triq prinċipali, fuq in-naħa l-ħażina tagħha kemm għaliex mhux bi dritt ta' triqtu minn Triq il-Qronfol u anki għaliex kien qed iħares l-oppost tal-karreġġjata li kien jinsab fiha meta wieħed jikkunsidra l-karreġġati tat-triq prinċipali li minn dik in-naħa tiegħu lejn iċ-ċentru tax-Xewkija. Kien jew ma kienx wieqaf l-attur, li din il-Qorti ser tispjega aktar 'il isfel li ma temminx din il-verżjoni mogħtija mill-attur, xortwa waħda huwa ma kellux ikun fil-post fejn seħħ l-inċident fl-ebda mument.

»Illi l-Qorti hija wkoll tal-fehma illi kieku kien minnu li l-attur kien wieqaf u għamel dawk il-manuvri kollha fit-triq sabiex iċaqlaq il-mutur qabel ma seħħ l-impatt kien ikun impossibli għall-konvenut u l-passiġġier li ma

jarawħx quddiemhom qabel l-inċident anki għaliex it-triq sekondarja li ġew minnha mhix waħda qasira. Saħansitra skont l-attur wara dawn il-manuvri kollha huwa kellu ċ-ċans iħares lejn it-trakk tal-attur u jara l-mossi li kienu qed jagħmlu l-persuni rekbin fih. B'kontradizzjoni assoluta iżda skont hu l-inċident seħħ 'fi ftit ħin, fi ftit sekondi'. Din il-Qorti tiskanta kemm f'dawn il-ftit sekondi l-attur kellu ċans jagħmel u jara affarijiet li x'ħin ta' l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija ma semma xejn minnhom. B'kuntrast iżda fl-ewwel verżjoni tiegħu mogħtija lill-Pulizija saħansitra semma' l-isem tar-'roundabout' li kien beħsiebu jmur lejha filwaqt li fil-verżjonijiet l-oħra kollha f'daqqa waħda din ir-'roundabout' intesiet għal kollox. Din il-Qorti tqis li persuna li forsi kienet xi ftit imfixkla minħabba li kienet imweġġa' xorta waħda ma kinitx ser tagħti dettal daqshekk sinjifikanti jekk mhux għax kien il-verita'.

»In oltre l-Qorti hija tal-fehma illi kieku kien minnu li l-attur kien wieqaf fil-post indikat minnu, il-konvenut u x-xhud riekeb miegħu ma kien ikollhom l-ebda ħjiel mil-liema triq huwa seta' ħareġ meta xehedu wara l-inċident għaliex kif ġia ngħad huwa kien ġia jinsab, mhux fil-post fejn skont ir-regolamenti tat-traffiku kellu jkun, fil-karreġġjata tat-triq prinċipali. Għalhekk il-Qorti ssostni li din il-verżjoni da parti tal-attur li huwa kien wieqaf u li għamel dawk il-manuvri kollha hija nverosimili ħafna u minn fuq meta mistoqsi għalfejn għamel dawn il-manuvri kollha, li ma jikkonformaw xejn mar-regoli applikabbli, fil-kontro-eżami tiegħu jgħid li għaliex moħħu hekk qallu.

»Illi wkoll il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma kellu l-ebda raġuni valida jew loġika sabiex isostni li huwa ressaq il-mutur sabiex ma jagħlaqx it-triq għall-vetturi li kienu ġejjin miż-żewġ naħat għal ġo Triq il-Qronfol u dan għaliex li kieku huwa ħareġ mis-'side' tiegħu minn Triq il-Qronfol, il-vetturi sabiex jidħlu għal ġo Triq il-Qronfol kienu jgħaddu minn triqthom cioe' minn fuq in-naħa tal-lemin tal-attur li ma kien ikun qed jikrea l-ebda ostaklu għalihom filwaqt li karozzi li ġejjin minn warajh kienu jistennew warajh sabiex joħorġu fit-triq prinċipali kif fuq kollox suppost kien qed jagħmel hu. Din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod taċċetta bħala regolari dik il-parti tax-xhieda tal-attur fejn isostni li huwa ressaq il-mutur lejn il-lemin tiegħu sabiex il-karozzi deħlin għal Triq il-Qronfol jgħaddu minn fuq ix-xellug tiegħu allura kompletament 'wrong-side' meta skont ir-regolamenti tat-traffiku dawn kellhom fi kwalunkwe każ iduru minn fuq in-naħa tal-lemin tiegħu u fl-ebda mument ma kellhom jgħaddu minn fuq ix-xellug tiegħu sakemm huwa ma kienx 'wrong-way' kif fil-fatt jirriżulta kjarament li kien. Dan huwa konfortat mill-konklużjonijiet tal-espert tekniku fl-atti tal-proċess verbal li jgħid illi l-attur ħareġ:

»'... kompletament minn fuq in-naħa ħażina tat-triq u cioe' minn taħt il-ġenb tal-fond imsemmi Pauline...'

»L-istess perit tekniku jispjega li l-attur ħareġ minn ġo Triq il-Qronfol għal ġo Triq il-Ħamrija minn fuq il-lemin u għalhekk wrong way:

»'... ngħid għaliex kif sibt il-motor cycle dan kien qiegħed maqlub fuq in-naħa tal-lemin tat-triq u kkonkludejt illi kien ħiereġ minn Triq il-Qronfol fuq in-naħa tal-lemin minflok kif suppost fuq in-naħa tax-xellug.'

»L-istess konvenut dejjem sostna li l-attur ħareġ minn wara l-kantuniera u dan sostnih f'kull verżjoni li ta' anki anki ab inizio lil pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti. L-istess ukoll sostna l-passiġġier Chris Mintoff li kien preżenti mal-konvenut fit-trakk. Il-konsistenza ta' dawn ix-xhieda tul il-proċeduri kollha hija sinjifikanti għal din il-Qorti sabiex temmen li l-verżjoni korretta tad-dinamika tal-inċident hija dik mogħtija mill-konvenut u mhux mill-attur.

»Illi l-Qorti wkoll ma tistax tifhem ir-raġunament tal-attur illi sabiex skont hu huwa jmur għand il-Ħanut tax-Xiber li kien jinsab fuq in-naħal tax-xellug tiegħu huwa saq il-mutur tiegħu kompletament in-naħa opposta ta' Triq il-Qronfol meta toħroġ minnha b'dana li huwa mar 'wrong side' u saħansitra tbiegħed mill-ħanut li suppost kien id-destinazzjoni tiegħu filwaqt li l-mutur kien qed iħares in-naħa opposta tal-ħanut ix-Xiber.

»Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni korretta hija li l-attur mhux minnu li kien sejjer jixtri mingħand il-Ħanut tax-Xiber iżda effettivament kien sejjer lejn id-direzzjoni tax-xogħol tiegħu cioe' fuq in-naħa tal-lemin tiegħu anki għaliex jekk huwa kien għadu ġew mill-'break' mid-dar li tinsab fl-istess Triq il-Qronfol huwa nverosimili li huwa ma kienx laħaq kiel u xorob mid-dar. Dan iżda ma għandux rilevanza għad-dinamika tal-inċident iżda biss għall-kredibilita' tal-attur. Fi kwalunkwe każ iżda jirriżulta li x'ħin ġie fit-tarf ta' Triq il-Qronfol l-attur qata' għad-dritt mill-kantuniera tan-naħa tal-lemin, ħareġ kompletament 'wrong-side' mill-istess triq bl-intenzjoni li jmur direttament fuq il-linja l-bajda u jaqsam għan-naħa l-oħra bil-mutur iħares lejn il-lemin mingħajr ma ta l-ebda każ tat-traffiku li kien ġej jew ġia ħareġ mis-'side-road' ta' Triq il-Ħamrija għal fuq it-triq prinċipali minn fejn kien ġej il-konvenut Spiteri. Dan huwa wkoll komfortat mid-dinamika tad-daqqa fuq il-vetturi li turi li l-mutur ħabat fil-ġenb tiegħu tal-lemin mal-quddiem tat-trakk b'dana li d-daqqa fuq it-trakk hija ferm wiesgħa. Dan ifisser li l-mutur mad-daqqa kien qed iħares lejn il-parti opposta tal-karreġġata fit-triq prinċipali cioe' lejn il-lemin tas-sewwieq. Dan ukoll jimmilita kontra t-teżi tal-attur li huwa kien sejjer fid-direzzjoni tal-ħanut ix-Xiber għaliex x'raġuni kellu l-attur li jpoġġi l-mutur iħares 'il isfel lejn il-lemin jekk kien ser jaqsam lejn ħanut li kien jinsab fuq ix-xellug tiegħu. B'dan l-aġir l-attur għamilha mpossibbli għal Spiteri li jarah ħiereġ minn Triq il-Qronfol qabel ma qabeż l-isplay li hemm bejn iż-żewġ toroq. Li kieku l-attur ħareġ min-naħa t-tajba l-konvenut Spiteri kien ikollu viżwali ferm aktar tajba tal-attur u fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-inċident ma kienx iseħħ kienet x'kienet l-ispeed tal-konvenut.

»Illi mill-'break-marks' tal-konvenut li jidhru kjarament fir-ritratti MX 3 u MX 4 a fol 84 kif ukoll mill-'photo-montage' tal-iskizz tal-inċident li sar mill-Perit Angelo Portelli a fol. 448 tal-proċess jidher ċar li meta l-konvenut ra li l-attur ħariġlu f'daqqa waħda minn wara l-kantuniera huwa kien ġia qabeż il-linja l-bajda (li kif jingħad aktar 'il isfel lanqas setgħet tingħata spjegazzjoni ta' x'inhi) u ħa 'break' mill-ewwel malli ħariġlu l-attur iżda riżultat li l-attur ħareġ kompletament 'wrong-side' dan ma kienx biżżejjed sabiex jiġi evitat l-inċident. F'dan l-istadju l-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Espert Tekniku Joseph Żammit dwar il-konklużjoni tiegħu li huwa ħareġ minn fuq l-'istop sign' għaliex skont hu

l-'break-marks' jibdew minn qabel il-linja u dan għaliex fil-fatt mir-ritratti u anki mill-iskizz l-'break-marks' jibdew oltre l-linja l-bajda, cioe' wara li l-konvenut qabeż il-linja. Għalhekk dan il-fatt ma jistax iservi bħala evidenza li f'xi mument il-konvenut ma waqqafx meta kien għadu fit-triq sekondarja ta' Triq il-Ħamrija bejn il-kelma 'STOP' u l-linja l-bajda.

»Illi huwa fuq dan il-punt li l-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li l-iskizz tal-inċident redatt mill-Perit Angelo Portelli għandu jingħatalu l-importanza li jistħoqqlu anki in vista ta' ġurisprudenza nostrana kwotata mill-istess attur fosthom Carmelo Scerri vs Esther Darmanin:

»'Huwa ndubitat li f'każijiet ta' kollizzjoni l-iskizz dejjem ġie meqjus bħala element importanti tal-provi, ad eċċezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx ġie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistgħux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta' dan id-dokument ġiet ravviżata anke fil-każ fejn dan ma jkunx ġie maħluf mis-surġent li rrediġieħ. Għax anke fejn dan hu l-każ 'hu wkoll veru li dan ġie ppreparat in situ u a tempo vergine u ħadd ma ressaq dubbju dwar l-integrita' tas-surġent. Dan ta' l-aħħar huwa recorder tar-res gestae u hu fid-dover qabel xejn, bħala parti mill-investigazzjoni tiegħu, li jiġbor il-fatti relevanti kif irriżultawlu materjalment u jirreġistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza. Allura meta l-iskizz ikun magħmul b'mod professjonali, u fejn indikat to scale jew almenu bl-esatezza, l-qisien importanti, u ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet in kawża, dan l-iskizz għandu jittieħed li jgħamel prova ta' dak li juri'.

»L-attur isostni li l-evidenza turi li l-konvenut kien għaddej b'ċertu 'speed'. Il-Qorti iżda ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni anzi tqis li l-konvenut ma kienx għaddej b'xi 'speed qawwi' nonostante li wieħed mill-'break-marks' fih erba' metri u nofs u dan meta wieħed jikkunsidra t-tip ta' trakk li kien qed jinstaq fosthom it-tul u t-toqol tiegħu. Anzi l-Qorti tqis li pjuttost il-'break-marks' huma evidenza li t-trakk ma kienx qed jinstaq b'xi speed qawwi tant illi mal-impatt waqaf. Li kieku verament it-trakk kien għaddej b'ċeru 'speed' għoli l-'break-marks' kienu jkunu ferm itwal u mal-impatt it-trakk kien jibqa' miexi jkaxkar il-mutur u lil sidu miegħu. Għal dawn ir-raġunijiet ukoll il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-espert tekniku Joseph Żammit fir-rigward tas-sewqan tal-konvenut. Fi kwalunkwe każ iżda l-Qorti ma tqisx li b'anqas speed da parti tal-attur seta' b'xi mod jiġi evitat l-inċident in vista tal-ksur pależi tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur li litteralment baqa' ħiereġ 'wrong-side' fid-direzzjoni tat-trakk u kien hu li kkrea l-periklu fit-triq.

»Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jsostni li l-inċident seħħ għaliex il-konvenut ma waqafx fuq l-'stop sign' li hemm fi Triq il-Ħamrija. Il-konvenut u x-xhud okulari sostnew li huwa fil-fatt waqaf u kien reġa' beda ħiereġ meta seħħ l-inċident. Kif ġia aċċennat aktar 'il fuq, il-Qorti ssostni li d-dinamika tal-inċident bl-ebda mod ma tevidenzja jekk fil-fatt il-konvenut waqafx jew le fuq il-kelma 'STOP' qabel reġa' beda ħiereġ kif fil-fatt isostni l-konvenut. Li hu żgur iżda li in vista tad-distanza li hemm bejn il-kelma 'STOP' u l-linja l-bajda fit-tarf tat-triq sekondarja magħrufa wkoll bħala Triq il-Ħamrija u l-post fejn attwalment sar l-

inċident, il-fattur jekk il-konvenut waqafx jew ma waqafx fuq l-'istop sign' ma kien ser jagħmel l-ebda differenza għad-dinamika tal-inċident għaliex l-inċident seħħ unikament minħabba li l-attur ħareġ kompletament 'wrong-way' minn Triq il-Qronfol u seħħ meta anki trakk tal-konvenut kien ġia qabad it-triq prinċipali. Għalhekk il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut illi fejn seħħ l-inċident l-konvenut kien ġia qabad il-karreġjata tat-triq prinċipali fi triqtu lejn ix-Xewkija u għalhekk f'dak il-punt ma kienx mistenni mill-konvenut li jkun wieqaf. Evidentement l-attur invada dik il-parti tal-karreġġjata li ma kinitx proprju tiegħu u għalhekk seħħ l-inċident, dik il-parti li hija ntiża sabiex il-karozzi li ħarġu mit-triq sekondarja magħrufa bħala Triq il-Ħamrija jaqbdu t-triq prinċipali lejn iċ-ċentru tax-Xewkija.

»Illi l-Qorti iżda ma tistax ma tikkummentax li ċertament is-senjaletika fit-toroq fejn seħħ l-inċident żgur li ma hi ta' l-ebda għajnuna għas-sewwieqa li jkunu qed jagħmlu użu minn dawn it-toroq speċjalment il-kelma 'STOP' ferm lura mit-tarf tat-triq u l-linja ferm 'il bogħol quddiemha tant li lanqas ir-rappreżentanta responsabbli minnhom il-Perit Audrey Testaferrata De Noto ma kienet taf eżattament is-sinjifikat tagħhom aħseb u ara kemm għandu jkun jaf ċikku l-poplu li qed jagħmel użu mill-istess triq. Infatti fis-seduta tal-14 ta' Frar 2014 il-Perit Audrey Testaferrata de Noto a fol. 360 tal-proċess tixhed kif isegwi:

»...

»...

»...

»Illi l-Qorti analizzat bir-reqqa il-pjanta / skizz tal-Perit Angelo Portelli li tinsab 'super-imposed' fuq aerial photo tal-post tal-inċident (a fol. 448 tal-proċess) in partikolari l-posizzjoni u d-direzzjoni taż-żewġ vetturi wara l-inċident, id-direzzjoni tal-'break-marks', il-posizzjoni tas-senjaletika fit-toroq in kwistjoni, iż-żewġ lanes fi Triq il-Qronfol u fejn jinsab il-ħanut tax-Xiber imsemmi mill-attur kif ukoll il-posizzjoni tad-daqqiet fuq iż-żewġ vetturi kif jirriżulta mill-provi kollha mressqa quddiemha u hija moralment konvinta mill-informazzjoni ndikata fuqha illi li kieku l-attur ħareġ fuq in-naħa t-tajba tat-triq, anki jekk il-konvenut kien b'xi mod għaddej b'xi speed jew ma waqafx fuq l-'istop sign' l-inċident in kwistjoni qatt ma kien iseħħ għaliex fl-ebda ħin il-mutur ma kien jiġi fit-triq tat-trakk jew bil-kontra.

»Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur jikkwota a favur tiegħu l-prinċipju ta' res ipsa loquitur fejn skont hu l-pjanti u surveys esibiti mill-perit tekniku Angelo Portelli maħtur fl-atti tal-inkjesta u d-diversi ritratti esibiti in atti jagħtu stampa ċara ta' x'ġara a favur tat-teżi tiegħu. Jikkwota l-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Capt. Arthur Ġera mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-sena 1958 Kollez. Vol. XLII.iv.1542 li tgħid:

»'jekk f'inċident tat-traffiku jikkonkorru ċirkustanzi li jikkostitwixxu res ipsa loquitur, dawk iċ-ċirkostanzi ma jistgħux ma jwaqqgħux ix-xhieda kuntrarja tad-driver involut fl-inċident.'

»Din il-Qorti taqbel ma' l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju għall-każ in eżami iżda fil-konfront u a detriment tal-verżjoni tal-attur li fl-opinjoni tal-Qorti mhix korroborata miċ-ċirkustanzi li rriżultaw lill-Qorti.

»Illi ngħad fil-kawża Vella Angelo v Mompalao Paul deċiża fis-16 ta' Settembru, 2004 (numru 89/1887/1) mill-Qorti tal-Appell Inferjuri mill-Onorevoli Mħallef Dr. Philip Sciberras:

»'Premessi dawn l-osservazzjonijiet, huwa ben assodat f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabilita' għall-inċidenti stradali illi l-Qorti adita għandha tiggwida ruħha fuq dka li jkun irriżultalha li kienet il-kawża prossima u mmedjata tal-inċident partikolari u tapplika għalih il-ġudizzju tagħha in konformita' mar-regoli stabbiliti u dawk il-prinċipji tal-bon sens u tal-prudenza komuni li l-konduċenti kienu tenuti josservaw u jsegwu.

»Fil-kawża fl-ismijiet Jesmond Cortis vs Philip Farrugia, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Inferjuri preseduti mill-Imħallef Dr. Philip Sciberras fid-deċiżjoni datata 24 ta' Mejju, 2006 (numru 742/2002/1) saħqet li l-kawża prossima tal-inċident ma kienx l-ispeed eċċessiv tal-attur, iżda l-fatt li l-konvenut ittanta jittraversa t-triq tal-attur, b'dan li nħolqot emerġenza u l-ħabta saret inevitabbli:

»...

»...

»...

»Infatti fl-istess sentenza hawn fuq ċitata, l-Onorevoli Imħallef Dr. Philip Sciberras ikompli jgħid:

»...

»...

»...

»B'applikazzjoni tal-prinċipju hawn fuq enunċjati għall-provi, fatti u ċirkustanzi tal-inċident de quo, il-Qorti tqis li kieku ma kinitx il-manuvra azzardata tal-attur li kkreat il-periklu mminenti fit-triq l-inċident in kwistjoni ma kienx iseħħ u għalhekk ir-responsabbilta' tal-inċident li seħħ fid-dsatax (19) ta' Ottubru, 2009 bejn il-mutur Yamaha FAZ 896 u t-trakk Isuzu bin-numru JBH 354 tinkombi unikament fuq l-attur Francis Sciberras.

»Filwaqt li l-Qorti tesprimi solidarjeta' mal-attur għall-ġrieħi li huwa ġarrab konsegwenza ta' dan l-inċident u dak li għadda minnu riżultat tal-istess, din il-Qorti tqis li mhux lok li l-konvenut jagħmel tajjeb għal danni li seħħew unikament tort l-azzjonijiet tal-istess attur.

»In vista tal-konklużjonijiet suesposti li jwasslu sabiex it-talbiet attriċi jiġu miċħuda, m'hemmx lok li din il-Qorti tinoltra ruħha fuq il-kalkolu tad-danni sofferti mill-attur.«

10. L-attur appella mis-sentenza appellata b'rikors tat-8 ta' Ġunju 2015 li għalih wieġeb il-konvenut fl-1 ta' Lulju 2015.

11. Permezz tal-appell tiegħu l-attur jattakka l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Ifisser l-appell tiegħu hekk:

> »Illi bid-dovut rispett l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti huwa żbaljat, u l-esponenti ma kellux jinstab responsabbli mill-provi prodotti, wisq aktar unikament responsabbli. L-ewwel Qorti emmnet għal kollox il-verżjoni tal-konvenut meta l-fatti li jemanu mill-atti huma fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni loġika u naturali tagħhom neċessarjament u raġjonevolment kellha twassal għal prova fi grad sodisfaċenti ta' ċertu fatti, cjoe' fatti li jċedu quddiemhom ix-xhieda u l-fehmiet soġġettivi tal-partijiet. Il-fatti, inklużi l-fatti indizjarji ma kellhomx raġjonevolment iwasslu lill-ewwel Qorti biex tkun moralment konvinta mill-konklużjonijiet li ġibdet li l-ħtija għall-inċidenti kienet tal-attur, u aktar gravi minn hekk, tal-attur waħdu;
>
> »Għalkemm bħala regola Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament u l-evalwazzjoni tal-Prim Awla, li tkun qiegħdha fl-aħjar qagħda li tisma', tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u x-xhieda prodotti u mismugħha quddiemha, l-esponenti jemmen bid-dovut rispett li hemm raġunijiet validi biżżejjed biex jitfgħu dubbju raġjonevoli fuq il-ġustizzja tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk il-Qorti fi grad ta' appell ma tintervjenix biex tvarja l-konklużjonijiet minnha raġġjunti tkun ser tiġi kommessa inġustizzja manifesta. L-isfortuna hi li din il-kawża kienet inbdiet u l-provi kollha nstemgħu prattikament taħt ġudikant wieħed, umbagħad ġiet deċiża minn ġudikant ieħor li daħal fl-aħħar stadju tal-kawża.
>
> »...
>
> »Jiġi sottomess li wara li din il-Qorti taqra u tisma' dan l-appell jiġi trattat, teżamina u tagħrbel mill-ġdid l-atti għandha tasal li tiddipartixxi ruħha mid-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti billi jeżistu raġunijiet validi biżżejjed biex jitfgħu dubbju raġjonevoli fuq il-ġustizzja tal-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.
>
> »Dwar liema waħda bejn Triq il-Qronfol u Triq il-Ħamrija li minnha ħareġ il-konvenut, tieħu preċedenza fuq l-oħra, huwa ċar li t-traffiku li jkun ħiereġ minn Triq il-Qronfol għandu preċedenza fuq it-traffiku li jkun ħiereġ minn Triq il-Ħamrija. Li dawn iż-żewġ toroq mhumiex ta' importanza ugwali ikkonfermatu ix-xhud Audrey Testaferrata DeNoto mill-Awtorita' Maltija tat-Trasport fix-xhieda tagħha tal-14 ta' Frar 2013 (a fol. 367) fis-sens li min ikun ħiereġ minn Triq il-Qronfol għandu preċedenza fuq min ikun ħiereġ minn Triq il-Ħamrija: "Dawn iż-żewġ

toroq jidher biċ-ċar li għandhom hierarchy differenti. Il-parti fejn qegħda two-way anke' minħabba t-traffic flows li jidher li jkun hemm ġo fiha mis-site inspection, mill-ħin li domt hemmhekk, għandha hierarchy aktar għolja mit-triq li qegħda one-way. ..... Jiġifieri meta nieħdu waħda in relation to the other tiġi l-minor road hija dik li ħierġa minn fejn hemm il-one-way." Fi żmien tal-inċident it-triq perkorsa mill-attur ma kelliex Stop sign fit-tarf tagħha.

»Illi għalkemm din ix-xhud mill-Awtorita' tat-Trasport xehedet li s-sinjal l-abjad fit-tarf tat-triq minn fejn ħareġ il-konvenut appellat ma tafx x'jindika bl-eżatt il-għaliex ma ġiex miżbugħ tal-qisien kif stabbiliti mill-standard carriageway markings, jibqa' xorta waħda l-fatt li hija marka tal-karreġġjata, u meta ġie miżbugħ dan is-sinjal ma sarx għalxejn, iżda sar għal raġuni: jew bħala parti mill-STOP sign miżbugħa mal-art fejn il-vettura li tkun ħierġa minn Triq il-Ħamrija għandha tieqaf jew bħala linja ta' demarkazzjoni bejn it-triq sekondarja u t-triq prinċipali, jew it-tnejn. Ebda sinjal tal-karreġġjata fit-triq mhu qiegħed hemm għalxejn jew li m'għandu ebda tifsira sempliċement il-għaliex ma sarx tal-qisien stabbiliti mill-standard carriageway markings. Minn fuq dan is-sinjal it-trakk tal-konvenut appellat ħalla brake marks ta' 4.64m cjoe' 15 il-pied mir-roti tax-xellug u 3.5m cjoe' 9 piedi mir-roti tal-lemin kif xehed il-Perit Angelo Portelli maħtur fl-inkjesta. M'hija xejn verosimili il-verżjoni tal-konvenut appellat li huwa waqaf fuq is-sinjal STOP li hemm miżbugħ mal-art kif xehed quddiem il-maġistrat inkwirenti, qala' minn pożizzjoni stazzjonarja, umbagħad biex waqaf ħalla brak marks ta' ħmistax il-pied u tnax il-pied rispettivament. Bejn is-sinjal STOP miżbugħa fl-art u s-sinjal l-abjad fejn beda jibbrekkja l-konvenut m'hemmx dik id-distanza li l-konvenut kellu jirranka s-sewqan tiegħu daqstant li biex waqqaf kellu jħalli dan it-tul ta' brake marks li ħalla biex waqaf. Bejn is-sinjal STOP u s-sinjal abjad il-fuq minnu ċertament li m'hemmx dik id-distanza li t-trakk tal-konvenut minn pożizzjoni stazzjonarja kellu jirranka daqstant li jħalli dawk il-brake marks, anzi' d-distanza bejniethom hi ferm qasira kif jixhdu r-ritratti esibiti u l-pjanta redatta mill-Perit Portelli fl-atti tal-inkjesta... ... ...

»Il-brake marks li ħalla l-konvenut appellat fuq il-post huma indikazzjoni ċara li hu ma waqaf xejn u baqa' ħiereġ minn fuq l-Stop sign. Il-pożizzjoni tiegħu hi ferm aktar gravi billi mhux biss ma waqafx, iżda talli baqa' ħiereġ mingħajr ma esplora tajjeb it-triq li daħal fiha kif ser jintwera aktar 'il quddiem billi kif stqarr hu stess a tempo vergine mal-Pulizija (u dan reġa' ikkonfermah PS1377 Emanuel Cilia) huwa ħares biss lejn il-lemin tiegħu u ħareġ mentri Triq Qronfol tiġi n-naħa tax-xellug tat-triq li ħareġ minnha. Il-konvenut appellat kellu l-obbligu ovvju li jieqaf zoptu fil-bokka tat-trejqa mnejn kien ħiereġ biex jesplora t-triq. Kellu wkoll l-obbligu li jesplora tajjeb t-triq li kien dieħel fiha u fiż-żewġ direzzjonijiet, u mhux n-naħa tal-lemin biss kif stqarr a tempo vergine mal-Pulizija. Il-konvenut mhux biss kellu l-obbligu li jħares, imma li jħares sewwa. Minn dak li stqarr l-appellat ma' PS1377 Emanuel Cilia jidher li ċertament hu ħares fid-direzzjoni tal-lemin mingħajr ma ta każ minn kien hemm jew kien hemm ġej mid-direzzjoni tan-naħa tax-xellug

cjoe' minn Triq Il-Qronfol, u kien għalhekk li sab lill-attur appellant ma' wiċċu. Jiġi notat anke' mir-ritratti esibiti mar-rikors tal-appell li l-viżwali tas-sewwieq Stephan Spiteri, mnejn kien ħiereġ, kienet waħda tajba u fit-tul. Fatt dan li jkompli jissottolineja n-nuqqas ta' proper lookout illi żamm il-konvenut appellat qabel u waqt li għamel il-manuvra tiegħu... Ġie ritenut ukoll li meta wieħed jiġi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jaqsam imma anke' sakemm jaqsam għal kollox...

»Fil-każ in eżami, il-kawża prossima, immedjata u unika ta' l-inċident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut appellat qabad u ħareġ minn fuq is-Stop sign bla ma ħa l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jieħu qabel ma joħroġ fuq it-triq prinċipali. L-attur appellant isostni li huwa kien ġia' ħareġ u kien qed jistenna t-triq prinċipali tikklerja mit-traffiku sabiex ikun jista' jaqsam għan-naħa l-oħra. Huwa iċċaqlaq bil-mutur tiegħu għal ġenb biex ma jkunx ta' xkiel u fl-istess waqt lanqas ta' perikolu għalih, it-traffiku li mit-triq prinċipali ried jikser biex jidħol fi Triq il-Qronfol. Bejn iż-żewġ toroq, cjoe' it-triq jew trejqa li minnha ħareġ il-konvenut appellat u Triq il-Qronfol, l-attur appellant kellu ċertament li kellu preċedenza anke' min minnhom kellu jgħaddi l-ewwel. Hu ta' l-akbar rilevanza l-fatt li l-konvenut ħareġ minn wara Stop sign. "Sinjal li jagħti ordni perentorju lis-sewwieq li jieqaf, u jieqaf zoptu warajh, ħalli jesplora t-triq u jaċċerta ruħu qabel joħroġ li ma jkunx ġej traffiku fit-triq prinċipali u li allura seta' jagħmel it-traversata ta' l-inkroċju bla periklu għalih u għal traffiku ieħor." ... Il-provi juru senjatament il-brake marks li ħalla t-trakk tal-konvenut li l-konvenut ċertament ma waqafx qabel ħareġ. Il-konvenut appellat jinsisti li waqaf. Imma anke' kieku verament f'xi ħin waqaf, ċertament hu ma ħarisx, jew jekk ħares, ma ħarisx sewwa għax kieku kien jara lill-attur Sciberras ġej. Il-konvenut kellu jiżwali tajba għad-direzzjoni mnejn kien ġew l-attur. Kieku ħares f'dik id-direzzjoni, il-konvenut kien jara l-mutur tal-attur ġej. Jekk il-konvenut ma rax il-mutur tal-attur sew qabel il-ħabta u sew qabel ma beda ħiereġ minn wara l-Stop sign, ifisser li jew ma ħares xejn, jew jekk ħares, ma ħarisx sewwa. Anzi l-konvenut meta xehed in kontro-eżami iddikjara li lill-attur rah ħiereġ minn wara l-kantuniera u iddeskriva wkoll li rah ħiereġ bil-mod. Dan m'hu verosimili xejn il-għaliex jekk lill-attur rah ħiereġ u rah ħiereġ isuq bil-mod aktar u aktar il-konvenut kellu jirregola s-sewqan tiegħu tempestivament u mhux iħalli t-tul tal-brake marks li ħalla meta kien ħiereġ minn fuq Stop sign. L-attur isostni li l-konvenut baqa' ħiereġ bla ma waqaf u dan sostnih mill-bidu nett.

»Illi ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża: Il-Pulizija vs Raymond Grima, 7 ta' Marzu 2012, illi "min jiġi fuq Stop sign, irid jieqaf u jibqa' wieqaf sakemm jara li jkun safe li jista' joħroġ u jipproċedi. L-eżerċizzju tal-waqfien fuq Stop sign mhux wieħed akkademiku li jinvolvi li wieħed jieqaf biex ikun waqaf imbagħad jistartja jew jingrana u jerġa' jipproċedi. Dan il-waqfien isir bi skop biex dak li jkun ikollu ċ-ċans kollu jesplora it-triq li jkun dieħel fuqha u jekk hemm bżonn jagħti id-dritta lit-traffiku li jkun ġej fuq dik it-triq l-oħra. Dawn huma l-prekawzjonijiet li kull sewwieq irid jieħu qabel ma jidħol fuq triq

prinċipali hemm jew ma hemmx Stop sign. Il-preżenza tal-iStop sign hija intiża biex tneħħi kull dubju dwar preċedenza u tfakkar lis-sewwieq bl-obbligi tiegħu ta' prudenza meta jiġi biex minn triq sekondarja joħroġ fuq triq prinċipali. L-obbligu li tieqaf fuq Stop sign ma jiġix osservat biss b'waqfien momentanju u fuġittiv imma bil-waqfien duratur għal kemm ikun hemm bżonn sakemm traffiku li jkun għaddej fuq it-triq prinċipali miż-żewġ naħat jilħaq jgħaddi."

»Għalhekk il-konvenut 'kien obbligat li jieqaf qabel l-Stop sign u wara li jaċċerta ruħu li kien safe għalih li joħroġ, ikompli bil-manuvra li ried jagħmel.' [Appell Ċivili, Maria Vella Galea vs Oreste Sammut, 5 ta' Ottubru 1998 – Kollez. LXXXII.ii.854] B'riferenza għal din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell appena ċitata, hemm xebħ mal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti billi l-konvenut f'dik il-kawża wkoll kien qed jikkontendi li l-attriċi ħarġitlu wrong side. L-ewwel Qorti f'dik il-kawża kienet apporzjonat ir-responsabbilita' bejn iż-żewġ sewwieqa, il-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti u sabet lill-konvenut unikament responsabbli. Il-Qorti tal-Appell irriteniet li: "F'dan il-kuntest, jassumi mportanza determinanti l-'Stop sign' fil-punt mnejn ħareġ il-konvenut. Mhux biss għaliex hu kjarament indikattiv lill-konvenut li kien se jirfes u jittraversa triq prinċipali imma ukoll għaliex jimponi fuq il-konvenut l-obbligu li jieqaf iħares biex jesplora t-triq prinċipali u ma jazzardax jirfes fuqha jekk mhux qabel ma jkun aċċerta ruħu illi ppermetta t-traffiku fuq it-triq prinċipali li jgħaddi u li jkun jista' jirfes fuq it-triq prinċipali bla ma jtellef b'xi mod lill-utenti ta' dik it-triq.' Il-Qorti tal-Appell żiedet tgħid li: "Hu ovvju illi dak li huwa essenzjali għall-fini tad-determinazzjoni tar-responsabbilita' għas-sinistru hi d-dinamika tal-eventi li ġraw immedjatament qabel l-impatt u li kienu determinanti u li kontribwew għall-inċident. Riflessjonijiet kontravvenzjonali li bl-ebda mod ma jinċidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva għal sewqan prudenti u li ma jkunx rilevanti għall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok għas-sinistru, li huma naturalment passibbli u punibbli f'sede oħra, imma ma għandhomx u m'għandux ikollhom rilevanza biex jiġi stabbilit min kellu ħtija għall-inċident. Aktar u aktar meta dik l-infrazzjoni ma tkunx seħħet fil-mument ta' l-inċident imma qabel".

»Illi l-attur jispjega li fil-mument li seħħ l-investiment huwa kien ġia' ħareġ minn Triq il-Qronfol u kien qed jistenna li jikklerja t-traffiku mit-triq prinċipali biex ikun jista' jaqsam għan-naħa l-oħra tat-triq. Jispjega wkoll in kontro-eżami li billi kien hemm vetturi li mit-triq prinċipali riedu jiksru biex jidħlu fi Triq il-Qronfol, huwa ċċaqlaq bil-mutur għan-naħa tal-lemin biex jagħmlilhom il-wisa' ħalli jkunu jistgħu jgħaddu bla ma jtajruh. Huwa wera fuq ir-ritratt a fol. 178 tal-proċess il-pożizzjoni fejn kien jistenna qabel ma ċċaqlaq u l-pożizzjoni lejn fejn huwa ċċaqlaq bil-mutur: 'Jiena nikkonferma illi kont wieqaf nistenna t-traffiku għaddej biex naqsam, ġie s-Sur Spiteri, ħares lejn il-lemin tiegħu fuq il-main road u lili ma ranix, rani l-ħabib tiegħu illi ġibidlu l-attenzjoni, imbagħad sabni quddiemu. Is-Sur Spiteri ipprova jżomm il-brake, imma t-trakk kien ġej irrankat u allura tani daqqa fil-ġenb tiegħi u fuq in-naħa tal-lemin u

ramieni bil-mutur b'kollox.' (xhieda tal-attur in kontro-eżami tat-3 ta' Lulju 2013). ..... 'Nikkonferma illi kien għaddej, dak il-mument kien għaddej it-traffiku. Nispjega wkoll illi kien hemm karozza li riedet tidħol minn naħa tax-xellug kif ukoll kien hemm karozza li riedet tgħaddi minn naħa tal-lemin tiegħi u kien għalhekk illi jiena ċċaqlaqt biex nagħmel il-wisa'. ..... 'Nikkonferma wkoll illi l-punt 'B' (markat fuq id-dokument a fol. 178) huwa l-punt fejn seħħ l-inċident. Sakemm jiena mort mill-punt 'A' għal punt 'B' kienet sempliċement kwistjoni ta' split of a second. Jiena ċċaqlaqt biex ma jtajrunix il-karozzi. Mistoqsi skont jiena kif seħħ l-inċident ngħid illi jiena kont fuq il-punt 'B' u Stephan ħareġ minn fuq l-Stop sign. U lanqas kien qed jarani u kien qed iħares lejn il-main road. Huwa kien qed iħares lejn in-naħa tal-lemin tiegħu. U lili Stephan ma ranix, iżda rani l-ewwel sieħbu. Ngħid illi jiena apparti illi rajt lil Stephan isuq u jħares lejn in-naħa tal-lemin tiegħu, ma rajtu jagħmel l-ebda moviment, pero' mbagħad rajt lil sieħbu jiġbidlu l-attenzjoni u kif ġibidlu l-attenzjoni Stephan applika l-brakes. Mistoqsi dawn il-movimenti kollha li jiena qed insemmi, f'kemm ħin ġraw, ngħid illi dawn ġraw fi ftit ħin, fi ftit sekondi. Jiena lil Stephan rajtu l-ewwel darba meta kien għadu l-ġewwa, il-fuq mis-sinjal fejn hemm dak l-Stop sign.' (xhieda tal-attur in kontro-eżami tas-7 ta' Novembru 2013).

»Illi minn naħa tiegħu l-konvenut xehed li waqaf fuq l-Stop sign u ħareġ minn fuq l-Stop sign appena aċċerta ruħu li ma kienx ġej ħadd u li sata' joħroġ liberament fit-triq prinċipali, u kif beda ħiereġ sab lill-attur ma wiċċu li baqa' dieħel fih. Bid-dovut rispett, b'rifless taċ-ċirkostanzi fattwali, din il-verżjoni tal-konvenut appellat mhi xejn konvinċenti u ma kelliex tiġi emmnuta mill-ewwel Qorti. Li kieku dan kien il-każ, it-trakk tal-konvenut ma kienx sejjer iħalli l-brake marks li ħalla. Il-brake marks li ħalla t-trakk qabel ma seħħ l-impatt jindikaw ċar li jew il-konvenut ma waqaf xejn u baqa' ħiereġ jew li qala' bir-rankatura li f'distanza żgħira ħafna bejn STOP sign fl-art sas-sinjal l-abjad li minn fuqu il-konvenut għafas il-brake huwa ferm improbabbli li minn pożizzjoni stazzjonarja minn fejn qala' kellu jħalli brake mark ta' tul ta' 4.6m.

»Il-konvenut jikkontendi li hu ġie maħsud mill-attur li ħareġ wrong side minn wara l-kantuniera ta' Triq il-Qronfol. Jirriżulta mill-verżjoni tiegħu tal-inċident li kien ta' lill-Pulizija a tempo vergine li meta hu ġie biex joħroġ għal fuq it-triq prinċipali hu ħares biss lejn il-lemin tiegħu: "Kont ħiereġ minn fuq l-Stop sign, ħarist fuq il-lemin u ma kien ġej ħadd u kif qlajt sibt il-mutur li kien ħiereġ minn Triq il-Qronfol u sibtu ma' wiċċi u saret il-ħabta." Jirriżulta minn din il-verżjoni tal-konvenut li ta lill-Pulizija, u li reġgħet ġiet konfermata minn PS Emanuel Cilia a fol. 236, li hu ma ħares xejn lejn ix-xellug tiegħu u ma kkalkula xejn min seta' kien hemm fuq in-naħa tax-xellug jew min seta' kien ħiereġ minn Triq il-Qronfol. Kien għalhekk li sab lill-attur ma' wiċċu u tajru. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut ibiddel il-verżjoni tiegħu u jiddikjara li hu waqaf u qala' mill-pożizzjoni stazzjonarja tiegħu wara li 'aċċertajt ruħi li ma kien ġej ħadd u li stajt noħroġ liberament fit-triq prinċipali.' Bid-dovut rispett din il-verżjoni mhix sorretta mkien mill-provi. Anzi' dan hu każ ta' res ipsa loquitur fejn il-pjanti u surveys esibiti mill-perit tekniku Angelo Portelli

maħtur fl-atti tal-inkjesta u d-diversi ritratti esibiti in atti jagħtu stampa ċara ta' x'ġara. Jinsab fil-fatt deċiż li "jekk f'inċident tat-traffiku jikkonkorru ċirkustanzi li jikkostitwixxu res ipsa loquitur, dawk iċ-ċirkostanzi ma jistgħux ma jwaqqgħu ix-xhieda kuntrarja tad-driver involut fl-inċident." [Appell Kriminali, Il-Pulizija vs Capt. Arthur Ġera [1958] Kollez. Vol.XLII.iv.1542]

»Fl-istess nifs imbagħad il-konvenut jiddikjara li ra lill-attur Sciberras 'li litteralment ħareġ minn wara l-kantuniera ta' Triq il-Qronfol u ġie għal fuqi.' M'hemmx dubbju li din il-verżjoni tal-konvenut m'għandhiex mis-sewwa l-għaliex jew sabu ma' wiċċu u ħasdu kif stqarr a tempo vergine mal-Pulizija jew li rah ħiereġ minn wara l-kantuniera li baqa' ġej għal fuqu. L-ewwel nett li kieku dan tal-aħħar kien il-każ, l-impatt kien ikun man-naħa ta' quddiem tal-mutur u mhux mal-ġenb tiegħu. Id-daqqa ħadha kollha l-attur fuq il-ġenb tiegħu u ntlaqtulu partijiet vitali ta' ġismu fosthom il-fwied u l-kilwa tal-lemin li minħabba l-inċident l-attur tilef 95% mill-funzjonament tagħha. It-tieni nett li kieku l-konvenut verament ra lill-attur ħiereġ minn wara l-kantuniera u rah ġej għal fuqu kif iddikjara fl-affidavit tiegħu, u fil-kontro-eżami tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2014, żied jgħid ukoll li lill-attur rah ħiereġ 'bil-mod', kien hemm distanza biżżejjed mill-ewwel kisra tan-naħa ta' fuq tal-splay sa fejn instab maqlub mal-art il-mutur ta' 8.56m cjoe' ta' tmienja u għoxrin pied (ara d-distanza murija fuq l-aerial photo esibit mill-Perit Angelo Portelli fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014), li hija distanza kunsidrata pjuttost twila biżżejjed biex sewwieq li jkollu kontroll sħiħ tas-sewqan tiegħu fil-pożizzjoni tal-konvenut kien ċertament ikun fi grad li jiffrena l-vettura tiegħu tempestivament u mhux iħalli l-brake marks li ħalla l-konvenut sa ma waqqaf it-trakk. Il-fatt li hu stess jammetti fix-xhieda tieħgu li ra lill-attur ħiereġ minn wara l-kantuniera u rah baqa' ġej għal fuqu fejn ovvjament kellu d-dritta kien jimponi fuqu d-dover li jwaqqaf u jistennieh jgħaddi. Li kieku l-konvenut kien qiegħed isuq sewwa, vwoldiri bi speed adattat għaċ-ċirkostanzi tal-post, l-inċident kien faċilment jiġi evitat billi jiffrena s-sewqan tiegħu tempestivament, u l-investiment ma kienx iseħħ. Jinsab fil-fatt deċiż li "id-difiża ta' sudden emergency ma tistgħax tiġi sollevata b'suċċess meta kien hemm 'qabel' vjolazzjoni mill-parti tad-driver, għax allura jkun hu stess li ħoloq l-emerġenza b'dik li tissejjaħ self created incapacity kwantu li ma setgħax iżomm a tempo stante li kien miexi bi speed żejjed." [Appell Kriminali, Il-Pulizija vs Capt. Arthur Ġera [1958] Kollez. Vol. XLII.iv.1542].

»Dwar il-verżjoni tal-konvenut li l-attur ħariġlu minn wara l-kantuniera u ħasdu, huwa improbabbli u diffiċli tivviżwalizza sitwazzjoni bħal dik deskritta mill-konvenut appellat fir-raffront ta' dak li realment seħħ. Li kieku fil-mument tal-impatt il-mutur tal-attur kien 'in motion', u ma rriżultaw l-ebda brak marks, il-mutur kien ċertament jibqa' wara l-impatt 'in motion' għall-inqas għal ċerta distanza u mhux jinqaleb eżatt quddiem it-trakk kif jidher fil-pjanta u fir-ritratti esibiti in atti. Anke' għal din ir-raġuni l-verżjoni tal-konvenut appellat, li għandha mill-inkredibbli, ma kelliex titwemmen mill-ewwel Qorti, u din il-konstatazzjoni għandha tiffavorixxi l-verżjoni tal-attur appellant.

»F'materja bħal dik taħt eżami fejn tkun teżisti konflittwalita' fix-xhieda tal-partijiet involuti huwa paċifikament akkolt li "l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilta' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke' fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet utal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant." [Kollez. Vol.L.ii.440] Jinsab fil-fatt deċiż li "l-provi ndizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki jkunu siewja ferm akter minn dawk okulari li, kull tant jistgħu jkunu biss soġġettivi u kull tant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjaħ esprit de voiture. Imbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bżonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi, bħal kull prova ndiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għall-konklużżjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lil' hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkużat ... hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi ċirkostanzjali jirriżultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinċiment morali tal-ġudikant sal-grad rikjest fil-proċess penali tirriżultax ħtija ta' sewqan ħażin." [Appell Kriminali, Il-Pulizija vs James Abela, 11 ta' Lulju 2002]. Dan il-prinċipju ġie ribadit f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri, fil-kawża: Middlesea Insurance vs Joseph Galea et (App Inf 20.01.2003PS) ... ... ...

»Mill-assjem tal-provi jidher li l-konvenut ma waqafx fejn kellu jieqaf, u mhux kif xehed, il-għaliex altrimenti t-trakk tiegħu ma kienx sejjer iħalli brak marks ta' 4.6m u 3.5m... ... ... Bid-dovut rispett huwa ferm diffiċli li wieħed ikollu jaċċetta bħala veritjiera l-verżjoni tal-konvenut appellat li hu waqaf, qala' u reġa' waqaf, u mbagħad iħalli dak it-tul ta' brake marks kollu. Jinsab fil-fatt deċiż li "f'materja ta' kawżi ta' traffiku, il-"brake marks" huma waħda minn dawk iċ-ċirkustanzi li jwasslu għall-applikazzjoni tat-teorija tar-"Res Ipsa Loquitur". Min ikun isuq, għalkemm ma jagħmelx dawk il-kalkoli matematiċi li huma meħtieġa biex fil-Qorti jiġi apprezzat u ġudikat il-każ, għandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kolliżjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi u għandu jirregola l-għemil tiegħu fis-sewqan konformement. Jekk ma jagħmelx hekk, huwa jirrendi ruħu ħati ta' traskuraġni imputabili kriminalment." [Appell Kriminali, Pulizija vs Joseph Muscat, 7 ta' Ġunju 1952 – Kollez. Vol.XXXVI.iv.764].

»Barra minn hekk huwa evidenti li l-konvenut appellat naqas li jżomm 'l hekk imsejħa proper look out għaliex kif stqarr il-konvenut a tempo vergine mal-Pulizija li hu ħares biss lejn il-lemin u lill-attur sabu ma' wiċċu. Imbagħad fl-affidavit tiegħu hu biddel il-verżjoni tiegħu u xehed li kien ra lill-konvenut ħiereġ minn wara kantuniera u li rah ġej isuq bil-mod. Anke' jekk għal għall-grazzja tal-argument dato sed non concesso wieħed ikollu jaċċetta bħala veritjiera din l-aħħar l-verżjoni tal-konvenut appellat cjoe' li l-attur ħareġ minn wara l-kantuniera, tenut kont tad-daqs tal-mutur Yamaha 100 u l-pożizzjoni elevate tas-sewwieq fuq mutur ta'

dan it-tip li bla dubbju jissupera l-għoli taċ-ċint li hemm fil-kantuniera man-naħa tal-splay, il-konvenut kellu jinduna mal-ewwel bl-attur ħiereġ minn mal-kantuniera billi l-viżwali kienet tippermettilu li jaraħ ġej minn dik id-direzzjoni. Anke' l-pożizzjoni tal-konvenut fit-trakk kienet waħda elevate u kienet tippermettilu viżwali aktar wiesa' u dominant, u kien ferm aktar faċli għalih li jara lill-attur ħiereġ minn wara l-kantuniera kieku verament ħares lejn dik in-naħa. Dan wisq u wisq aktar kellu jinduna bih meta jirriżulta mill-kejl meħud mill-perit li mill-kantuniera sa fejn instab maqlub mal-art il-mutur kien hemm distanza ta' kważi tletin pied, u li kieku l-konvenut appellat kien qed isuq kif kellu jsuq u kien qed iżomm proper lookout għal dak li kien raġjonevolment viżibbli cjoe' dak li kien qed iseħħ quddiemu in plain view, ċertament li kien ikun fi grad li jikkontrolla s-sewqan tiegħu u jiffrena t-trakk tiegħu tempestivament.

»Jinsab deċiż li: "proper look out' hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed iħares 'il quddiem jew li jkollu viżwali ċara iżda s-sewwieq irid ikollu 'an awareness of his immediate vicinity' u cioe' li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jiġri madwaru u mhux sempliċement iħares 'il quddiem b'mod ċass jew isuq bil-mod … … … Għalhekk kull driver irid jirregola s-sewqan tiegħu skond il-kondizzjonijiet u ċirkostanzi li jkun fihom. Fin-nuqqas ikollu jwieġeb għall-imprudenza tiegħu meta jseħħ incident stradali." … Ma jidhirx li l-konvenut żamm a proper lookout għal dak li kien qed jiġri madwaru, dmir importantissimu kif jidher minn din is-silta fil-ktieb 'Gibbs' 'Trial of Motor Car Accident Cases' sezzjoni 54 fejn jingħad: "Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road from side to side" [Mewhaus vs Bastion Insurance Limited].

»Dan l-obbligu huwa korollari għall-prinċipju li sewwieq għandu l-oneru li fis-sewqan tiegħu juża dik id-diliġenza mistennija minn bonus pater familias u li hija raġjonevoli tenut kont taċ-ċirkostanzi : Bħalma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwenza tat-traffiku, d-dawl, il-viżwali, il-kondizzjonijiet atmosferiċi, l-istat ta' l-art, u ċirkostanzi partikolari oħra li jistgħu jirrikjedu grad ta' attenzjoni għoli mis-sewwieq. Huwa għanu wkoll jassikura f'kull waqt li s-sewqan tiegħu jkun tali li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura misjuqa minnu.

»Illi in materja ta' provi u senjatament dwar il-valur probatorju tal-iskizz ossia tal-pjanta redatta mill-Perit Angelo Portelli, ġie ritenut fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet: Carmelo Scerri vs Esther Darmanin, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003, li "Huwa ndubitat li f'każijiet ta' kollizzjoni l-iskizz dejjem ġie meqjus bħala element importanti tal-provi, ad eċċezzjoni tas-sitwazzjonijiet fejn ikun jidher ovvju illi dan ma jkunx ġie redatt sewwa u jkun jonqsu indikazzjonijiet li ma jistgħux jitqiesu traskurabbli. L-importanza ta' dan id-dokument ġiet ravvizata anke fil-każ fejn dan ma jkunx ġie maħluf mis-surġent li rrediġieħ. Għax anke fjen dan hu l-każ 'hu wkoll veru li dan ġie ppreparat in situ u a tempo vergine u ħadd ma ressaq dubbju dwar l-integrita' tas-surġent. Dan ta' l-aħħar huwa recorder tar-res gestae u hu

fid-dover qabel xejn, bħala parti mill-investigazzjoni tiegħu, li jiġbor il-fatti relevanti kif irriżultawlu materjalment u jirreġistrahom fl-iskizz ta' l-okkorrenza. Allura meta l-iskizz ikun magħmul b'mod professjonali, u fejn indikat to scale jew almenu bl-esatezza, l-qisien importanti, u ma jkunx hemm kontestazzjoni dwaru mill-partijiet in kawża, dan l-iskizz għandu jittieħed li jgħamel prova ta' dak li juri" ... ... ...

»Eżami tal-provi ma juru xejn ta' sustanza li jindikaw li l-attur appellant kellu jiġi b'xi mod miżmum responsabbli tal-inċident la fil-mument tal-inċident jew immedjatament qabel. Mill-assjem tal-provi hu ferm aktar probabbli li l-konvenut appellant ittanta jaqsam Triq il-Qronfol biex jidħol għal ġot-Triq il-Ħamrija b'mod traskurat u negliġenti ċertament bla ma żamm proper look out għat-traffiku li kien hemm quddiemu u bla ma waqaf għal kollox qabel beda l-manuvra tiegħu... Dawn il-fatti bla dubbju kellhom u għandhom jinkolpaw lill-konvenut appellat bl-akkadut, stante li jimmanifestaw nuqqas gravi u serju da parti tiegħu ta' dik id-diliġenza u attenzjoni li ċ-ċirkostanzi li kien qed isuq fihom immedjatament qabel u fil-mument tal-akkadut, kienu jiddettaw. Il-konvenut kellu l-obbligu li jirregola s-sewqan tiegħu b'mod li ma jiġix rinfaċċjat b'sitwazzjoni li, minħabba s-sewqan tiegħu, ma jkunx fil-posizzjoni li jevita l-kollozzjoni; għax sewwieq għandu l-obbligu li ma jpoġġix lilu nnifsu f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunx jista' jirreaġixxi b'mod adegwat u tempestivament għal xi emerġenza li tista' tinħoloq [Prim'Awla, Herbert Messina Ferrante et vs Coronato Galea et, 28/10/2005].

»Wara kollox, min ikun qed isuq, għalkemm ma jagħmilx dawk il-kalkoli matematiċi li huma meħtieġa biex fil-Qorti jiġi apprezzat u ġudikat il-każ, għandu pero' jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kolliżjonijiet huma kwistjoni ta' seconds, u għalhekk is-sewwieq għandu jirregola l-għemil tiegħu fis-sewqan konformament u jassikura kontroll tal-vettura tiegħu f'kull ħin waqt is-sewqan [Appell, Kriminali, Pulizija vs Joseph Muscat, 7/06/1995]. Illi n-nuqqas ta' diliġenza fis-sewqan da parti tal-konvenut, u l-fattur tal-veloċita li kien qed isuq biha l-konvenut kif jirriżulta mill-brake marks li ħalla t-trakk tiegħu, huma ndikattivi ċari tal-fatt li s-sewqan tal-konvenut kien bla dubbju wieħed imprudenti u ċensurabbli fiċ-ċirkostanzi.«

12. Il-konvenut wieġeb kif ġej għal dan l-appell:

»Illi l-uniku aggravvju minn din is-sentenza huwa dak li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi, aggravvju li fl-umli opinjoni tal-esponenti huwa assolutament bla bażi u li għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.

»...

»...

»...

»Illi l-attur appellant jilmenta mill-fatt illi l-apprezzament li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa żbaljat u li mill-provi prodotti ma kellhiex tinstab ħtija tal-inċident fl-attur. Saħansitra l-attur appellant jisħaq li l-Ewwel Onorabbli Qorti emmnet verżjoni waħda meta l-fatti kienu tant ċari u 'elokwenti' li qatt ma setgħet l-Qorti tkun moralment konvinta mill-konklużjonijiet tagħha stess. Dawn huma dikjarazzjonijiet li wieħed isibha ftit bi tqila biex jemmen meta wieħed jeżamina d-dettal, l-profondita' u l-eżami li għamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha. Infatti mill-istess sentenza huwa ovvju li l-Onorabbli Qorti qieset propju ż-żewġ verżjonijiet tal-partijiet, pero tat ukoll importanza kbira lil dak li qal l-espert Tekniku Joseph Żammit u lil pjanta redatta mill-Perit Angelo Portelli, kif ukoll l-verżjonijiet li l-partijiet taw lil pulizija a tempo vergine. Għal konvenjenza tiegħu pero l-attur appellant ftit li xejn jagħmel referenza għar-rapport tal-espert Joseph Żammit.

»Illi d-dettal li tinkorpora fiha s-sentenza appellata jġib fix-xejn l-ilment tal-attur appellant meta jgħid li hija sfortuna li l-provi kollha instemgħu prattikament taħt ġudikant wieħed u imbagħad ġiet deċiża minn ġudikant ieħor. L-ewwel nett ibda biex l-kontro-eżamijiet tal-konvenut u tax-xhud Christpher Mintoff saru quddiem l-istess Qorti li tat is-sentenza. It-tieni nett kienet din l-Onorabbli Qorti li żammet aċċess fuq il-post u rat tabilħaqq kif inhi l-flow tat-traffiku fil-lok fejn seħħ l-inċident. Il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti aċċediet fuq il-post huwa punt importanti ħafna u li ma hemm l-ebda aċċenn għalih fir-rikors tal-appell tal-attur. Wieħed diffiċli jifhem jekk tabilħaqq ma jmurx fuq il-post u jara b'għajnejħ u din hija l-umli opinjoni tal-esponenti għalfejn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun ferm kawta milli tvarja l-konklużjonijiet raġġunti mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Il-fatt li kawża tinbeda quddiem ġudikant u tkompli quddiem ġudikant ieħor ma jfissirx li b'daqshekk ġiet kommessa xi inġustizzja. Infatti f'numru sostanzjali ta' kawżi fil-Gżira tagħna l-provi jinstemgħu quddiem l-assistent ġudizzjarju u l-kawża tiġi deċiża mill-Qorti, allura dan ifisser li l-Qorti li tagħti d-deċiżjoni ma tkunx tista' tasal għal konklużjonijiet tagħha b'mod seren? Jekk tabilħaqq kien hemm xi ħadd li setgħa jgħid li ġie preġudikat kien l-konvenut appellat għax l-Qorti kienet żgur tapprezza l-mod kif xehed l-attur fuq il-pedana tax-xhieda u dana waqt li jbiddel minn verżjoni għal oħra ta' kif ġara l-inċident.

»Huwa paċifiku illi f'materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi, dak li fil-fehma tal-Qorti ċertament hawn m'huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provdiment tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anke jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad, "din il-fakulta' hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakolta' imbagħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' toxxilla skont il-personalita' ġuridika li jippossjedi l-ġudikant" – Perit Guido Vella –vs- Dr. Emmanuel Cefai, Appell Ċivili, 14.01.1993. – Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane – 15.12.2003 – PA – Imħallef Philip Sciberras.

»Għal dak li hu sindikar tal-apprezzament tal-provi minn din il-Qorti ta' reviżjoni huwa veru li teżisti ġurisprudenza li tgħid illi "la Corte d'Appello non puo immischiarsi, meno in casi eccezionali, nell'esercizio della discretiva della Corte di prim'istanza sulla produzione di prove" (Ramchand Kilumal nomine –vs- Jessie Blanco, Appell Ċivili, 30.06.1919).

»Daqstant ieħor pero' ġie kostantement ritenut ukoll fil-ġurisprudenza illi din il-Qorti kienet obbligata illi tissindika dan l-apprezzament u anke tasal għal konklużjoni diversa minn dik li jkun wasal għaliha l-ewwel tribunal jekk tkun konvinta illi altrimenti tkun ser tiġi kaġunata inġustizzja manifesta. "Jiġifieri meta fil-fehma tagħha, wara li tkun ikkunsidrat l-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment morali illi l-provi prodotti ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konklużjoni li għaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, din il-Qorti ta' reviżjoni kienet obbligata li tiddelibera s-sentenza tagħha fuq dik il-bażi ta' fatt kif fil-fehma tagħha tkun tirriżulta ppruvata, anke jekk dan ifisser li jkollha fil-proċess tiskarta dawk il-fatti li s-sentenza appellata tkun additat bħala provanti l-premessi għat-talbiet attriċi" – Emily Stivala et –vs- George Pace, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 06.10.2000. Licari Estates Ltd. v. Carmel Vella – 10.10.2005

»...

»...

»...

»L-appellant ma ġieb l-ebda raġuni impellenti l-għala d-diskrezzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti għandha tiġi skartata.

»Illi fir-rikors tal-appell tiegħu l-attur jagħmel minn kollox biex jipprova jikkonvinċi lil din l-Onorabbli Qorti li l-kawża tal-inċident huwa l-fatt li l-konvenut ħareġ minn fuq Stop Sign. L-attur appellant qiegħed ikompli jaggrappa ma din it-teżi meta huwa jaf ben tajjeb li dan ma huwiex minnhu għax il-kawża prossima tal-inċident kien propju l-fatt li huwa ħareġ minn wara l-kantuniera tat-triq u kompletament fuq in-naħa l-ħażina tat-triq b'tali mod li l-konvenut sab lil attur ġo wiċċu. Fis-sentenza jingħad:

»...

»Illi infatti għalkemm l-attur qiegħed jipprova jnessina mill-fatt li huwa kien fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, qiegħed pero jinsa li kien hu stess li ammetta li kien qiegħed fuq in-naħa l-ħażina tat-triq u dana meta immarka fuq il-pjanta bl-ittra A u bl-ittra B l-posizzjoni ta' fejn kien qabel seħħ l-impatt. L-attur qatt ma messhu kien fil-posizzjoni li kien qabel seħħ l-impatt u huwa dan l-fatt li ikkawża l-inċident. L-attur jipprova jagħti diversi spjegazzjonijiet ta' kif spiċċa fil-punti indikati minnhu stess fil-pjanta pero u bir-rispett kollhu dawn huma biss skużi bla bażi biex jipprova jiġġustifika l-fatt li huwa kien fuq in-naħa l-ħażina tat-triq.

»Illi hekk kif l-esponenti kellhu l-opportunita' li jesponi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur ta' xejn anqas minn erbgħa verżjonijiet ta' kif ġara l-inċident, b'dawn il-verżjonijiet ikunu kollha differenti u b'uħud minnhom saħansitra kunfliġġenti għal xulxin. Mhux biss iżda apparti hekk huwa jipprova jwaqqa x-xhieda tas-Surġent Jason Xerri u cioe' tas-Surġent li ħa l-verżjoni tal-attur l-isptar kif ukoll jgħid li ma jaqbilx mal-konklużjonijiet tal-espert Tekniku Joseph Żammit. Għal attur l-inċident seħħ unikament kif jgħid hu, iżda wieħed ma jistax ma jistaqsix għal liema verżjoni mill-ħafna li ta, qiegħed jirreferi? Kif mistenni l-attur appellant ma jagħmel l-ebda referenza għal dawn id-diversi verżjonijiet li ta u jikkonċentra l-enerġija kollha tiegħu biex jikkonvinċina li l-inċident seħħ għall-konvenut ma waqafx fuq l-istop sign.

»Illi pero kemm l-konvenut kif ukoll ix-xhud isostnu li huwa waqaf fuq l-istop sign. Infatti kif tajjeb osservat l-Ewwel Onorabbli Qorti, '...mir-ritratti u anki mill-iskizz l-break-marks' jibdew oltre l-linja l-bajda, cioe' wara li l-konvenut qabeż il-linja. Għalhekk dan il-fatt ma jistax iservi bħala evidenza li f'xi mument il-konvenut ma waqqafx meta kien għadu fit-Triq sekondarja ta' Triq il-Ħamrija bejn il-kelma 'STOP' u l-linja l-bajda.' Pero u hekk kif sostna l-konvenut mill-bidu nett u hekk kif jidher mir-risposta ġuramentata tiegħu, l-istop sign ma tiċċentra xejn f'dan l-inċident u infatti li kieku l-attur kien tabilħaqq hekk wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfol qabel seħħ l-inċident:

»...

»Infatti minn ħarsa lejn ir-ritratti wieħed jista jinduna fejn seħħ tabilħaqq l-impatt u kif l-attur qatt ma messhu kien fil-punt li kien. Din l-ispjegazzjoni li ta' l-attur fil-kontro-eżami hija ovvjament differenti minn dik li ta' lis-surġent Jason Xerri a tempo vergine kif ukoll minn dik li tinsab fir-rikors ġuramentat u dik li tinsab fl-affidavit. Per eżempju wieħed ma jistax ma jistaqsix kif jekk l-attur ħareġ minn fejn suppost ħareġ, kif spiċċa 'biswit it-traffic island kantuniera bejn it-triq prinċipali u t-triq sekondarja l-oħra'? Kif qatt setgħat l-attur ikun biswit it-traffic island qabel seħħ l-inċident? X'kien qed jagħmel biswit it-traffic island jekk kien sejjer għand il-ħanut Tax-Xiber li jinsab fid-direzzjoni opposta? Kif jista' b'xi mod l-attur jiġġustifika li kien jinsab fejn ir-roundabout jekk suppost kellhu jkun wieqaf numru ta' metri 'l bogħod u cioe' fit-tarf ta' Triq il-Qronfol?

»Infatti ġustament l-Ewwel Onorabbli Qorti irrimarkat illi:

»...

»L-istess xhud PS 664 Jason Xerri ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-verżjoni li kien tah l-attur. Il-konvenut sab lil attur ma wiċċhu u kien għalhekk li malli rah applika l-breakijiet. Ma huwiex minnhu dak li jissottometti l-attur appellant u cioe li l-break marks huma indikazzjoni ċara li hu ma waqaf xejn u baqa' ħiereġ minn fuq l-istop sign. Il-konvenut applika l-breakijiet mhux fuq l-istop sign iżda fil-mument li sab

lil attur quddiemu. Dan qed jingħad ukoll in vista tal-fatt li l-attur tfaċċa wara li l-konvenut kien diġa' waqaf fuq l-istop sign u qala. Li kieku l-inċident seħħ fuq l-istop sign eżatt kien forsi b'ħafna tiġbid joħloq l-argument li l-konvenut suppost kien wieqaf imma fil-punt li seħħ l-inċident l-konvenut ma kienx mistenni minnhu li jkun wieqaf. Infatti kien hemm diversi metri bejn l-istop sign u l-punt fejn seħħ l-impatt. L-attur invada dik il-parti tal-karreġġjata li ma kinitx propju tiegħu u 'dak li jkun fil-parti 'l ħażina tat-triq, kellu joqgħod ferm attent u jkollu kawtela akbar min-normali fil-manuvri tiegħu, u dan għaliex il-karozzi li jkunu mexjin fid-dritta tagħhom ma jkunux qegħdin jistennew u jħarsu dik id-diliġenza totali normalment rikjesta fis-sewqan tagħhom, anke fid-direzzjoni tat-toroq minn fejn ma huwiex mistenni li għandhom joħorġu karozzi oħra.'

»Illi punt ieħor li jqajjem l-attur appellant fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa dak li l-'konvenut ħares biss lejn il-lemin tiegħu u ħareġ mentri Triq il-Qronfol tiġi n-naħa tax-xellug tat-triq li ħareġ minnha.' B'din l-akkuża l-attur appellant qiegħed jipprova jsib skuża oħra biex isalva l-iżball tiegħu li ħareġ minn naħa l-ħażina tat-triq u li qatt ma messhu kien fil-post fejn kien. Infatti u jekk wieħed imur fuq il-post jerġa jirrealizza kemm l-obbligu li kellhu l-konvenut kien li malli jitlaq minn fuq l-istop sign huwa jħares lejn ir-right tiegħu biex ikun jista' jidħol fil-flow of traffiku u jipprosegwi lejn iċ-ċentru tar-raħal. Sewwieq ma jistax jiġi mistenni li jħares dawra mejt miegħu biex jara jistax ikun hemm xi ħadd ħiereġ minn direzzjonijiet ħżiena. Dan ma jfissirx li s-sewwieq ma għandhux jesplora tajjeb it-triq, iżda lanqas ifisser li għandhu jippresta l-attenzjoni tiegħu biex jara huwiex ħiereġ xi ħadd minn fejn mhux suppost. Għalhekk l-attur ma għandux għalfejn jitkaża bil-fatt li l-konvenut ħares lejn il-lemin tiegħu u aċċerta ruħhu li ma kien ġej ħadd u kien għalhekk li prosegwa fit-triq tiegħu. Lanqas huwa minnhu dak li jgħid l-attur u cioe' li l-konvenut biddel il-verżjoni tiegħu meta qal li 'aċċertajt ruħu li ma kien ġej ħadd u li stajt noħroġ liberament fit-triq prinċipali.' Anzi l-obbligu li kellhu l-konvenut kien propju dak u qatt ma setgħa jipprevedi li l-konvenut kien ser joħroġ minn wara l-kantuniera! Infatti mid-dokumenti li esebixxa l-istess attur man-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, preċiżament Dokument A u Dokument B juru propju kif l-viżwali li kellhu l-konvenut kienet propju tat-tarf tal-isplay. Dan jixhdu l-konvenut fil-kontro-eżami meta jikkonferma li l-attur ħareġ minn wara l-kantuniera u li l-ewwel darba li rah kien fit-tarf tal-isplay. Malli l-konvenut lemaħ lil attur huwa applika l-breaks immedjatament. Il-konvenut ma setgħax jara minn ġej minn wara l-kantuniera.

»Illi l-kawża tal-inċident kienet propju l-posizzjoni li kien jinsab fiha l-istess attur. L-attur jgħix f'dawk inħawi u huwa midħla sew tal-post fejn seħħ l-inċident. Wieħed kien jistenna li jeżerċita aktar prudenza fis-sewqan tiegħu, iżda issa ma jistax jipprova jitfa t-tort tal-akkadut fuq il-konvenut. Saħansitra l-Ewwel Onorabbli Qorti tant xtarret sew il-provi li kellha quddimeha li qieset anke d-diversi verżjonijiet tal-attur u li kollha jwasslu għall-istess konklużjoni. Kemm jekk huwa kien qiegħed jaqsam (in motion) u ħa jaqbad ir-roundabout, kemm jekk ċaqlaq il-mutur biex jgħaddi t-traffiku għal ġewwa Triq il-Qronfol, kemm jekk kien biswit it-

traffic island, il-verżjonijiet kollha jwasslu għal konklużjoni li hu qatt ma huwa suppost kien f'dawk il-punti. Infatti u ironikament l-attur fid-diversi verżjonijiet li jagħti jsemmi li kien f'diversi punti barra fejn suppost kien. Li kieku kien fejn suppost l-inċident qatt ma kien iseħħ.

»Illi ma hemmx dubbju għalhekk li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat affidabilita lix-xhieda mogħtija mill-konvenut, aktar milli lil dik tal-attur. Ix-xhieda tal-attur hija inkonsistenti, mimlija kontradizzjonijiet u inverosimili għal aħħar. Mhux l-istess jista' jingħad għax-xhieda tal-konvenut li dejjem kien konsistenti f'dak li qal. L-attur jinfixel fid-diversi verżjonijiet tiegħu b'tali mod li lanqas hu ma donnhu jaf kif ġara l-inċident jew inkella jaf kif ġara iżda jrid b'xi mod jattribwixxi l-ħtija kollha fuq l-konvenut inġustament. L-Ewwel Onorabbli Qorti irrimarkat:

»...

»Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tikkonstata dan kollhu meta marret fuq il-post waqt l-aċċess. Ma kien hemm l-ebda ħtieġa jew raġuni għalfejn l-attur iħarrek l-mutur. L-emerġenza ħoloqha huwa stess meta ġie jaqa u jqum mir-regolament tat-traffiku u qabad u qasm minn taħt il-kantuniera biex jgħaġġel jasal fuq il-post tax-xogħol mill-break. Infatti l-istess xhud Christopher Mintoff jispjega kif ra lil attur b'idejh waħda mal-isteering u bl-oħra kien qed jaqfel iċ-ċinga tal-helmet tiegħu. Jispjega wkoll li ħareġ minn wara l-kantuniera. Il-konvenut ukoll jikkonferma li l-attur litteralment ħareġ minn wara l-kantuniera ta' Triq il-Qronfol b'tali mod li l-konvenut bl-ebda mod ma setgħa jarah. Mhux l-istess jista' jingħad li kieku l-attur kien fejn suppost kien u cioe' wieqaf fit-tarf ta' Triq il-Qronfol. Infatti huwa għalhekk li l-konvenut fir-risposta ġuramentata tiegħu isostni li

»...

»Illi in fatti ta' min josserva wkoll illi matul il-kawża l-attur biddel il-premessi tiegħu u dana peress li skarta l-verżjoni ġuramentata li kien ta' fiċ-ċitazzjoni tiegħu u cioe' li kien wieqaf bil-mutur tiegħu fit-tarf ta' Triq il-Qronfol Xewkija ħaġa li ma setgħetx issir. Infatti r-risposta ġuramentata ġiet intavolata propju b'risposta għar-rikors ġuramentat u din l-Onorabbli Qorti hija marbuta ma dawk il-premessi. Dan ifisser ukoll li l-attur qatt ma jista jipprova l-każ tiegħu għax hu stess qiegħed jiddipartixxi minn dak li huwa stess stqarr fil-premessi tal-kawża!

»Illi saħansitra l-attur appellant jpoġġi fid-dubbju l-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku u cioe li l-attur ħareġ wrong side. Saħansitra jipprova jitfa dubbju fuq l-ħsara subita fil-vetturi rispettivi in segwitu għall-impatt u dan meta l-istess Perit Tekniku kien ċar dwar fejn seħħet il-ħsara. L-attur huwa ferm selettiv fuq il-fatti li jogħġbu jissenjala u jrid jipprova jikkonvinċina li l-causa prossima tal-inċident kien nuqqas da parti tal-konvenut meta dan ma huwa minnhu xejn.«

13. Għalkemm huwa minnu li din il-qorti tiddipartixxi biss mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti f'ċirkostanzi eċċezzjonali u f'każijiet biss fejn jeżistu raġunijiet serji għaliex għandha tagħmel dan, fil-każ tal-lum din il-qorti jidhrilha illi tkun qed tippermetti li sseħħ inġustizzja manifesta likieku tiddeċiedi li tistrieħ fuq l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti.

14. Wara li fliet l-atti proċesswali kollha din il-qorti jidhrilha illi għalkemm l-attur għamel ħażin meta ħareġ '*wrong side*' minn Triq il-Qronfol, Xewkija sabiex jaqsam Triq il-Ħamrija[1] – u għalhekk huwa tal-inqas parzjalment responsabbli għal-inċident li seħħ – ma taqbilx mal-ewwel Qorti illi l-ebda responsabbilita` għall-istess inċident m'għandha tintrefa' mill-konvenut.

15. Fl-ewwel lok, mill-provi prodotti mill-partijiet joħroġ biċ-ċar illi ftit qabel ma seħħ l-inċident il-konvenut ma ħarisx fuq in-naħa tal-xellug qabel ma ħareġ għat-triq prinċipali iżda ħares biss fuq in-naħa tal-lemin. Dan ġie kkonfermat numru ta' drabi fosthom mill-konvenut stess[2] kif ukoll minn Christopher Mintoff – li kien passiġġier fit-trakk tal-konvenut fil-mument meta seħħ l-inċident. Fil-verżjoni li ta lill-pulizija ftit wara li seħħ l-inċident il-konvenut qal:

[1] Ara ritratti fols 83, 100, 117, 129, 133, 176, 178, 179, 180, 407, 416, 422, 493, 494.
[2] Ara fols 116, 236, 379, 415, 423, 489, 490, 492.

»Kont ħiereġ minn fuq l-stop sign waqaft, ħarist fuq il-lemin u ma kien ġej ħadd u kif qlajt sibt il-mutur li kien ħiereġ minn triq il-qronfol u sibtu ma' wiċċi u saret il-ħabta.« [3]

16. Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami tas-16 ta' Diċembru 2014 Christopher Mintoff ukoll ikkonferma li l-konvenut ma ħarisx lejn in-naħa tax-xellug għax "ma kienx hemm skop" li jħares lejn dik in-naħa. [4]

17. Fit-tieni lok, huwa wkoll ċar li l-konvenut ma waqafx fuq l-*istop sign* kif kien obbligat li jagħmel u anzi baqa' ħiereġ. Dan hu evidenti mill-brake mark li sab l-espert mekkaniku Joseph Zammit li fir-rapport qal:

»3. Illi jirriżulta li t-trakk kien qiegħed jinstaq il-barra aktar l-isfel minn fejn issuċċieda l-inċident ġot-Triq il-Ħamrija jinsab Stop sign miktub fl-art fit-triq u aktar il-quddiem minn dan l-istop sign qabel toħroġ ġol-parti d-dritta tat-Triq il-Ħamrija jinsab ukoll Stop sign konsistenti f'line li jaqsam il-parti l-wiesgħa tat-Triq il-Ħamrija għal ġot-triq aktar dritta ta' Triq il-Ħamrija;

»4. Illi nstabu provi li t-trakk ma osservax dawn is-sinjali billi hekk kif induna bil-ħruġ tal-motorcycle minn ġot-Triq il-Qronfol huwa applika l-brakes minn fuq l-istop sign iktar l-isfel ġol-imsemmija Triq il-Ħamrija kif indikat fid-dokument immarkat Dok JZ1.« [5]

18. Fatt li hu konfermat f'ritratti li hemm fl-atti.

19. L-istess espert reġa' kkonferma dan il-fatt meta xehed fis-seduta tal-24 ta' April 2012:

»... niftakar illi hemm stop sign imbagħad iktar 'il quddiem hemm line illi jindika illi ma tistax taqsam. Qed niġi mistoqsi jekk mill-brake marks illi ħadt jirriżultalix illi f'xi waqt it-trakk kien waqaf, il-brake marks kienu dritti

---

[3] Ara fols 108, 109.
[4] Ara fols 492, 493.
[5] Ara fols 132, 133 tal-proċess. Ara wkoll fol 100.

u kontinwi u ma jidhirlix illi kienu saru b'tali mod illi is-sewwieq tat-trakk kien waqaf u reġa' qala'...« [6]

20. Il-kelma STOP hi ordni ċara li sfortuntament għal ħafna xufiera ma tfisser xejn. Qabel it-trakk joħroġ fi Triq il-Ħamrija, il-konvenut kellu obbligu li jwaqqaf it-trakk fit-tarf tal-linja li tidher fir-ritratti u jħares fuq in-naħa tal-lemin fi Triq il-Ħamrija u jara xi traffiku jista' hemm quddiemu. Dan qabel ma jitħajjar jidħol fi Triq il-Ħamrija.

21. Fattur ieħor importanti li jirriżulta mill-provi prodotti – u li donnu l-ewwel Qorti skartatu - huwa li kieku l-konvenut ħares quddiemu qabel saq għal ġewwa Triq il-Ħamrija kien jintebaħ bl-attur fuq il-mutur tiegħu u probabbilment l-inċident kien jiġi evitat. Il-passiġġier Christopher Mintoff jikkonferma li qabel ma seħħ l-inċident huwa rah lill-attur "ħiereġ minn mal-kantuniera" u rah ukoll li "kellu idu waħdu fuq il-mutur u bl-idu l-oħra kien qiegħed jirranġa l-helmet."[7] Fil-kontro-eżami l-istess xhud reġa' kkonferma s-segwenti:

»Ix-Xhud Christopher Mintoff

»Hu waqt li kien ħiereġ minn ġol-, kellu idejh waħda fuq il-mutur u kif stajt nara, hu kien qed jew jipprova jaqfel iċ-ċinga jew ħa jibda, waħda kienet hawn idejh u l-oħra kienet hawn.

»Il-Qorti:

»Mal-ġenb ta' wiċċu.

»Ix-Xhud Christopher Mintoff:

»Eżatt

[6] Ara fol 175 tal-proċess. Ara wkoll fols 84, 341, 342, 415.
[7] Ara fol 407 tal-proċess. Ara wkoll fol 486.

»...

»Ix-Xhud Christopher Mintoff:

»Mela hu, aħna, hu beda ħiereġ, ejja ngħidu t-triq fiha daqshekk all right, hu beda ħiereġ minn din in-naħa eżatt.

»Il-Qorti:

»Minn ma' l-isplay.

»Ix-Xhud Christopher Mintoff:

»Minn ma' l-isplay. Ħareġ minn ma' l-isplay eżatt, allura dak il-ħin kif kien qed jilgħab hekk, kif rajnieħ aħna;

»Il-Qorti:

»Qed jilgħab hekk jiġifieri qed jilgħab ma' wiċċu.

»Ix-Xhud Christopher Mintoff:

»Eżatt għax kieku kien jilħaq jieqaf żgur. Hu baqa' ħiereġ quddiemna mbagħad ma laħaqx waqaf.« [8]

22. L-attur ukoll ikkonferma illi qabel ma seħħ l-inċident il-konvenut "kien qiegħed iħares fuq in-naħa tal-lemin tiegħu" [9] u li rah isuq u "baqa' iħares fuq in-naħa tal-lemin tiegħu." [10] Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fis-7 ta' Novembru 2013 iżid jgħid hekk:

»... lili Stephan ma ranix iżda rani l-ewwel sieħbu. Ngħid illi jien apparti illi rajt lil Stephan isuq u jħares lejn in-naħa tal-lemin tiegħu ma rajtu jagħmel l-ebda movimenti pero' mbagħad rajt lil sieħbu jiġbidlu l-attenzjoni u kif ġibidlu l-attenzjoni Stephan applika l-brakes... ... Jiena lil Stephan rajtu l-ewwel meta kien għadu il-ġewwa, il-fuq is-sinjal fejn hemm dak l-istop sign... Jiena rajt lill-sieħbu, lill-sieħbu jattiralu l-attenzjoni, rajt lill-sieħbu jattiralu l-attenzjoni...« [11]

---

[8] Ara fol 491 tal-proċess. Ara wkoll fol 493 fejn il-passiġġier fit-trakk tal-konvenut appellat – is-sur Christopher Mintoff - ikkonferma li "li kieku ħareġ minn naħa l-oħra tat-triq konna nilħqu narawħ iktar."
[9] Ara fol 423.
[10] Ara fol 423.
[11] Ara fols 423, 424.

23. Fil-fehma ta' din il-qorti din ix-xhieda hija kruċjali għaliex tikkonferma żewġ affarijiet: fl-ewwel lok tikkonferma li l-konvenut appellat kellu jintebaħ bl-attur li kieku ħares fuq quddiem kif kien obbligat li jagħmel fiċ-ċirkostanzi (għaliex vetturi setgħu jiġu miż-żewġ naħat), u mhux jibqa' ħiereġ minn fuq is-sinjal stop mingħajr ma jieqaf u jħares biss fuq il-lemin. [12] Fit-tieni lok ix-xhieda fuq imsemmija tikkonferma wkoll li mhuwiex minnu dak li jsostni l-konvenut appellat li l-attur ħareġ f'salt minn wara l-kantuniera u ma taħx ċans jibbrekja. Kieku l-konvenut waqaf fit-tarf tat-triq sekondarja li minnha kien ħiereġ, ċjoe' wara l-linja bajda kontinwa miżbugħa fl-art, kien jinduna bil-mutur u jevita l-inċident. Fix-xhieda tiegħu mogħtija in kontro-eżami fis-16 ta' Diċembru 2014 il-konvenut fil-fatt ikkonferma li l-attur kien ħiereġ minn wara l-*isplay* "bil-mod" u li ma kienx ħiereġ "merfuħ." [13] Dan jikkontrasta bil-qawwi ma' dak li allega l-istess konvenut li l-attur ħareġ f'salt minn wara l-kantuniera jew l-*isplay*.

24. Min-naħa l-oħra l-attur ma jistax jippretendi li ma kellux tort għall-inċident, meta ħareġ wrong side minn Triq il-Qronfol għal ġewwa t-triq prinċipali (Triq il-Ħamrija) mingħajr ma waqaf. Fl-ewwel lok kellu jsuq il-mutur fuq in-naħa tax-xellug ta' Triq il-Qronfol u fit-tarf tagħha kellu jieqaf. L-attur kellu jiżgura li ma jirfisx fi Triq il-Ħamrija qabel ma jkun aċċerta ruħu li fit-triq ma kienx hemm traffiku. Evidenti li m'għamel xejn minn dan u kif ħareġ min-naħa ħażina tat-triq, sab ma' wiċċu t-trakk tal-konvenut.

[12] Ara wkoll ir-ritratti annessi mar-rikors tal-appell tal-attur appellant.
[13] Ara fols 499 sa 501.

Apparti li evidenti li ma waqafx qabel ħareġ fi Triq il-Ħamrija, ħareġ minn parti ta' Triq il-Qronfol li ma kellux joħroġ minnha.

25. Għaldaqstant, ir-responsabbilita` għall-inċident li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2009 fi Triq il-Ħamrija, Xewkija, Għawdex għandha tintrefa' nofsha mill-attur appellant u nofsha mill-konvenut.

26. L-attur sofra ħsara fil-kilwa tal-lemin. Skont l-espert mediku, 5% biss tal-kilwa baqgħet tiffunzjona. Esprima wkoll il-fehma li probabbilment bit-trapass taż-żmien il-kilwa ser tkompli tiddeterjora u tieqaf taħdem.

27. Dwar id-danni, għalkemm l-attur sofra ġrieħi li wasslu għal diżabbilita` permanenti minħabba l-inċident, baqa' jaħdem mas-soċjeta` FXB Limited u għadu sal-lum jagħmel l-istess xogħol ta' *machine operator*.[14] L-istess xehed Joe Scicluna – rappreżentant tas-soċjeta`' FXB Limited – fix-xhieda mogħtija fil-25 ta' Novembru 2011.[15]

28. Madankollu l-ġurisprudenza hi llum stabbilita li l-danneġġat xorta għandu jedd għall-kumpens. Wieħed irid japprezza wkoll li filwaqt li f'inċident tat-traffiku l-parti danneġġata intortament tiġi kkumpensata għall-ħsara li ssofri fil-vettura, daqstant ieħor persuna għandha jkollha l-jedd li tkun kumpensata għall-ħsara li ssofri fil-persuna tagħha irrispettivament dan ikollux impatt fuq il-ħajja lavorattiva tagħha jew le.

---

[14] Ara fol 424.
[15] Ara fol 61.

29. L-attur twieled fit-23 ta' Frar 1967 u l-inċident seħħ fid-19 ta' Ottubru 2009, filwaqt li ippreżenta l-kawża fis-17 ta' Mejju 2011. Għalhekk meta seħħ l-inċident kellu 42 sena. Illum diġa' għaddew ħdax-il sena minn meta seħħ l-inċident.

30. L-espert mediku esprima l-fehma li l-attur sofra diżabbilita` permanenti ta' 14.3%. Ma saret l-ebda prova li tikkontradiċi l-opinjoni tal-perit mediku.

31. Bħala multiplier il-qorti kkonsidrat li għaddew ħdax-il sena mill-inċident. Għalhekk ser tagħmel il-kalkoli fuq multiplier ta' sbatax-il sena.

32. Għal dak li hu salarju fid-data tal-inċident l-attur kellu €179.95 fil-ġimgħa. L-attur isostni li ma' dik is-somma għandha tiżdied is-somma ta' €11.65 fil-ġimgħa għal attendance allowance. Dħul li ddeskrivieh li hu garantit jekk jattendi għax-xogħol. L-istess jippretendi li l-qligħ jinkludi s-sahra fis-somma ta' €6.78 fis-siegħa. Fin-nota ta' sottomissjonijiet argumenta li l-kakoli għandhom isiru fuq qligħ ta' €14,193.12.

33. Il-qorti ma taqbilx dwar il-pretensjoni tal-attur li fil-kalkoli jkunu inklużi l-attendance allowance u s-sahra. Skont ma qal l-istess attur, jekk kien qiegħed imur għax-xogħol xorta baqa' jirċievi l-attendance allowance. Dwar is-sahra mhemm xejn garantit li dak ser ikun parti mill-qligħ, u f'kull każ lanqas mhemm provi suffiċjenti li wara l-inċident ma ngħatax sahra minħabba l-inċident li kellu.

34. Is-salarju li kellu r-rikorrent fl-2011 kienet ta' €9360 fis-sena. Ovvjament wieħed jistenna li matul is-snin dik is-somma tiżdied ukoll meqjus l-għoli tal-ħajja. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti ser tagħmel il-kakoli fuq qligħ ta' €11,500 fis-sena.

35. Mit-total ser jitnaqqas persentaġġ ta' 6% meħud in konsiderazzjoni li l-attur ippreżenta l-kawża fl-2011 u l-kawża qegħda tiġi deċiża b'mod finali iktar minn disa' snin wara u l-multiplier applikat hu ta' sbattax-il sena (f'dan is-sens are sentenza ta' din il-qorti **Yordan Shterev v.Vassallo Builders Group Limited** tas-16 ta' Diċembru 2019 (fol. 26).

36. Għaldaqstant f'dan ir-rigward il-ħlas dovut hu: €11,500 x 17 x 14.3% - 6% = €26,279/2 = **€13140**

37. Għal dawk li huma damnum emergens, l-attur jippretendi l-ispejjeż għat-tiswija tal-mutur (ara nota ta' sottimissjonijiet) fis-somma ta' erbgħa mija u ħamsin ewro (€450). Dan kif konfermat fl-affidavit ta' John Buttigieg, il-mekkanik li għamel it-tiswija tal-mutur, kif ukoll il-kont u riċevuta a fol. 18. Il-qorti ser iżżid ukoll l-attendance allowance li l-attur tilef mid-19 ta' Ottubru 2009 sat-23 ta' Diċembru 2009, ċjoe' meta suppost kellu jidħol lura għax-xogħol iżda ma daħalx minħabba li beda s-shutdown tal-Milied (ara deposizzjoni ta' Joseph Scicluna, financial controller tal-kumpannija li timpjega lill-attur).[16] Il-qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq tmien ġimgħat, li jfissru €93. Għaldaqstant peress li l-attur għandu nofs it-tort,

[16] Fol. 60.

il-ħlas dovut bħala damnum emergens hu ta' mitejn u wieħed u sebgħin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€271).

Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal ħawn fuq tilqa' parzjalment l-appell tal-attur u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-19 ta' Mejju 2015 u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni li l-konvenut mhuwiex responsabbli għall-inċident:

1. Tiddikjara li l-inċident tat-traffiku li seħħ fid-19 ta' Ottubru 2009 seħħ ukoll tort tal-konvenut, u r-reponsabbilta` qegħda tinqasam 50% għal kull wieħed tal-partijiet fil-kawża.

2. Tillikwida d-danni fis-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u ħdax-il euro (€13,411).

3. Tikkundanna lill-konvenut appellat sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u ħdax-il euro (€13,411), bl-imgħax millum.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet fil-kawża.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Registratur
mb